MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2006

Appell Civili Numru. 1349/2003/1

**Farrugia Nikola u martu Farrugia Maria Eugenia ghal kull interess li jista' jkollha**

**vs**

**Mangion Arturo u martu Mangion Carmela ghal kull interess li jista' jkollha**

**Il-Qorti,**

Fit-12 ta' Jannar, 2006 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta' Lulju 2003 fejn l-atturi talbu sabiex il-konvenuti ihallsu s-somma ta' Lm1,311 (elf tlett mija u hdax-il Lira Maltin) rapprezentanti danni kagunati f'incident stradali li sehh nhar it-12 ta' Settembru 2002 gewwa Hal Qormi.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Illi fit-12 ta' Settembru 2002, ghall-habta tas-1.45pm, il-partijiet kienu nvoluti f'incident stradali, li gara f'Imdina Road c/w M.Dimech Street, Qormi.

Illi l-istess incident stradali gara unikament tort tal-konvenut u fil-fatt l-assikurazzjoni tieghu, England Insurance Agency Limited, bhala agent tal-Middle Sea Insurance plc, f'ismu accettat ir-responsabilita ghall-istess incident u hallset lill-attur biex issewwiet il-hsara fil-vettura tieghu numru FBL 075.

Illi l-parts necessarji biex tissewwa l-hsara fil-vettura ta' l-attur kienu 'out of stock' u kellhom jingiebu minn barra. B'rizultat ta' dan, l-attur ma setax juza l-vettura tieghu bejn it-13 ta' Settembru 2002 u l-24 ta' Jannar 2003, kif ukoll bejn is-6 u l-10 t'April 2003, sakemm tlestew it-tiswijiet necessarji.

Illi, billi l-attur juza l-vettura FBL 075 ghax-xoghol tieghu, sakemm din kienet qed tissewwa kellu bilfors jikri vettura ohra u l-ispiza ghall-istess ammontat ghal Lm1311 (elf tlett mija u hdax il-lira maltija) skond il-kontijiet annessi – DOK A u B – li taghhom l-attur baqa ma thallasx.

Illi ghalhekk il-konvenut illum huwa debitur ta' l-attur fis-somma ta' Lm1311 oltre l-interessi fuq l-istess ammont mid-data tal-hlas sad-data ta' l-effettiv pagament.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex m'ghandhux jigi kkundannat li jhallas lill-attur is-somma ta' Lm1311 (elf tlett mija w hdax il-lira maltija) dovuta kif fuq spjegat, bl-interessi mid-data tal-hlas sad-data ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk ta' l-ittra legali tas-6 ta' Gunju 2003, kontra l-istess konvneut, minn issa ngunt biex jidher u ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

1. Illi l-konvenuti mhumiex responsabbli ghall-ispejjez u danni inkorsi mill-attur.
2. Illi bla pregudizzju, l-ammont pretiz huwa esagerat.
3. Illi l-atturi kellhom se mai jimmitigaw id-danni.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi t-talba attrici tirrigwardja talba ta' hlas ta' 'loss of use' tal-vettura tieghu li kienet involuta f'incident automobilistiku ma' vettura misjuqa mill-konvenut. Is-socjeta` assiguratrici tal-vettura tal-konvenut assumiet ir-responsabbilita ta' l-incident f'isem il-konvenut. Pero' halset biss mitejn u hamsin lira flus maltin (Lm250) – ghax hekk tghid il-polza. Pero' il-polza ta' assigurazzjoni hija kuntratt aleatorju bejn is-socjeta` assiguratrici u l-assigurat taghha (l-odjern konvenut). Ghall-atturi r-relazzjoni kontrattwali ta' bejniethom hija "res inter alios acta".

*Illi l-atturi rnexxilhom jaghmlu l-prova li effettivament il-vettura tieghu damet daqshekk biex tissewwa. Il-fatt ta' nuqqas ta' 'parts' ma kienx dipendenti fuqhu. Fejn seta' espleta l-inkarigu dover tieghu li jimmunizza d-danni billi hadem bih anki jekk ma kienx kompletat.*

Illi l-konvenut ma gab l-ebda prova li l-attur naqas fic-cirkostanzi, anzi l-istess socjeta assiguratrici tal-konvenut ma kkontestatx dan il-fatt.

Jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici, jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u jikkundannhom ihallsu s-somma ta' elf tlett mija u hdax-il lira flus maltin (Lm1311) bl-ispejjez u nteressi mid-data tal-prezentata tal-avviz kontra l-konvenuti, salv kull dritt sia et quatenus kontra Middlesea Insurance plc kif rapprezentata minn England Insurance Agency Limited ghar-risarciment tal-istess danni."

L-appell propost mill-konvenuti fil-konfront ta' din is-sentenza hu cirkoskritt ghall-aggravju illi t-Tribunal ghamel apprezzament hazin tal-fatti u tal-ligi. Dan ghaliex, fil-

hsieb ta’ l-appellanti, l-atturi ma gabux prova li immitigaw id-danni;

Fil-kaz ta’ decizjonijiet moghtija mit-Tribunal wiehed irid *per forza* jitlaq mill-osservazzjoni illi l-gudizzju ta’ dak it-Tribunal, ex-Artikolu 7 (1) tal-Kapitolu 380, irid isir principalment skond id-dettami ta’ l-ekwita`. Minn dan isegwi illi fil-valutazzjoni ekwitativa tad-danni, il-gudikatur mhux biss ma jistax jinjora l-fatti incidenti fuq id-dannu kif jemergu mir-rizultanzi istruttorji imma ghandu jiggwida ruhu mill-elementi kollha ta’ prova rakkolti u jevalwahom fuq il-bazi tad-dati kollha ta’ fatt li d-danneggjat iressaq quddiemu biex jorjentah. Bhala punt ta’ dritt irid jinghad li d-determinazzjoni tal-kwantum tar-rizarciment hi ispirata minn certi regoli uniformi, sija in tema ta’ responsabilita` kuntrattwali jew extra-kuntrattwali;

Minn dak li jirrizulta mil-ispjegazzjoni moghtija mill-appellanti lill-aggravju taghhom, l-appell hu marbut mal-fatt taz-zmien li l-karozza ta’ l-attur hadet biex tissewwa u z-zmien korrispondenti li karozza ohra damet mikrija ghandhom minhabba nuqqas ta’ *spare parts*. L-appellanti jippretendew li l-appellat kellu jaghmel sforz biex itaffi d-danni, jinformahom tempestivament bid-diffikolta fl-akkwist tal-*parts* biex hekk forsi huma kienu jkunu in grad li jirrimedjaw xi haga. Hekk, per ezempju, jissuggerixxu li seta’ jkun li huma jipprovdu vettura lill-attur sakemm dik taghhom damet tissewwa. Din il-Qorti ma tistax taccetta facilment din id-djalettika kontra r-realta` processwali u l-prova accertata illi tabilhaqq l-vettura ta’ l-atturi damet tissewwa mhux bi htija taghhom imma ghan-nuqqas ta’ “*spare parts in stock*” li fuqhom, u dwarhom l-appellati ma kellhomx kontroll;

Il-kwestjoni hawn involuta gja giet drabi ohra ezaminata mill-Qrati taghna. Hu komunement ricevut in lineja ta’ principju illi daqs kemm hu veru li d-danneggjat ghandu d-dover li jaghmel dak kollu li hu ragjonevoli biex inaqqas il-hsara, daqstant iehor mhuwiex obbligat li jitghabba b’

pizijiet biex inaqqas il-hsara (**Kollez. Vol. XL P II p 653** u **Vol. XXXVIII P I p 249**). Dan anke ghaliex, skond principju iehor valevoli, fi kwestjoni ta’ kompensazzjoni ta’ danni d-danneggjat ghandu kemm jista’ jkun jigi mqieghed fil-posizzjoni li hu kien ikollu kieku ma gietx kagonata l-hsara (**Kollez. Vol. XLIX P I p 526**);

Mill-premessi principji jikkonsegwu dawn il-konsiderazzjonijiet:-

(1) Min isofri d-danni ghandu jaghmel mill-ahjar sabiex inaqqas l-estensjoni taghhom u jissalvagwardja, bhala *bonus paterfamilias* l-interessi ta’ min ikun tenut ihallashom (**Kollez. Vol. XXXVII P II p** 863). Jinsab ritenut illi dan il-principju hu radikat fil-gjus u fil-praticita` tal-hajja, ghaliex mhux skond il-principju tal-gustizzja naturali li thalli li d-dannu jestendi ruhu meta tista’ tillikwidah, bil-hsieb illi sejjer jirriversa ruhu fuq haddiehor (**Kollez. Vol. L P II p 359**);

(2) F’ kaz li ghandu xebh sorprendenti ma’ dak in disamina filwaqt li l-Qorti ta' l-Appell issenjalat il-principju suddett issoktat tirritjeni li l-attur danneggjat mhux obbligat li jitghabba b’ pizijiet biex jirreduci l-hsara. Fiha kompla jigi enuncjat illi “il-kwestjoni ta’ x’ inhu ragonevoli li jaghmel id-danneggjat biex jimmitiga l-hsara mhix kwestjoni ta’ ligi imma ta’ fatt li ghandha tigi kkunsidrata fic-cirkustanzi ta’ kull kaz partikolari u l-oneri tal-provi f’ dan ir-rigward specifiku jaqa’ fuq il-konvenut (Halsbury, Vol. X, para. 143).” - “**Joseph Aquilina -vs- Emmanuele Schembri**”, 24 ta’ Jannar 1969;

Abbazi ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet ta’ dritt u ta’ fatt, u, fl-assenza ta’ prova jew sottomissjoni konvincenti b’ riferiment ghal xi mankanza fl-appellati ta’ dak il-kriterju generali tad-diligenza tal-missier tajjeb tal-familja, li tippreciza l-ligi, mhux il-kaz li din il-Qorti tallontana ruhha mill-motivazzjoni tat-Tribunal. Motivazzjoni din, li ma jidherx li tiddifetta minn vizzji logici tal-meritu tal-kontroversja.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi respint u s-sentenza appellata, konfermata, bl-ispejjez ta’ din l-istanza kontra l-konvenuti appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------